



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 24 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11296/24

COHOM 137

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	24 ta' Ġunju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aġġornament tal-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aġġornament tal-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati, kif approvati mill-Kunsill fl-4038 laqgħa tiegħu, li saret fl-24 ta' Ġunju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aġġornament tal-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati

[b'aġġornament fl-Anness]

1. Filwaqt li jfakkar fil-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-2012, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-2020, l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-2021, l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-Kunsill jafferma mill-ġdid li r-rispett, il-protezzjoni u l-garanzija tad-drittijiet tat-tfal huma objettiv ewlieni tal-politiki u l-azzjoni interni u esterni tal-Unjoni Ewropea.
2. Abbażi tal-Linji Gwida tal-UE tal-2008 dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2022 dwar l-istrateġija dwar id-drittijiet tat-tfal, l-UE hija partikolarment attiva fil-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' konflitt jew ta' kriżi u fl-ġhoti ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ lit-tfal.
3. Il-Kunsill huwa mħasseb serjament dwar iż-żieda fil-ksur tad-drittijiet tat-tfal relatati mal-konflitti armati, aggravat mill-proliferazzjoni tal-konflitti, inkluż il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u d-deportazzjoni u t-trasferiment illegali tagħha ta' tfal Ukreni, il-vjolenza li qed tiżdied fis-Sudan, u l-eskalazzjoni tal-konflitt fil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari s-sitwazzjoni umanitarja katastrofika f'Gaza u l-effett sproporzjonat tagħha fuq il-popolazzjoni ċivili, b'mod partikolari t-tfal. Il-Kunsill jiddeplora l-fatt li l-ksur serju imwettaq kontra t-tfal¹ - il-qtil u l-immankar, ir-reklutaġġ u l-użu tagħhom bħala suldati jew fi rwoli oħra mhux ta' ġlied, il-ħtif, l-istupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u ċ-ċaħda ta' aċċess umanitarju - żdied b'mod sinifikanti matul l-aħħar għaxar snin.

¹ <https://www.unicef.org/children-under-attack/six-grave-violations-against-children>

4. Fi kważi ż-żoni kollha ta' konflitt tad-dinja, mis-Sahel, l-Afrika Ċentrali u tal-Lvant sal-Lvant Nofsani u l-Asja, it-tfal jirrappreżentaw sa nofs il-popolazzjoni affettwata. It-tfal huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-konflitti armati u huma l-vittmi prinċipali tagħhom. Il-Kunsill jinsab allarmat li n-natura dejjem tinbidel tal-konflitti, tat-tattiċi u l-armi użati, wasslu għall-multiplikazzjoni tar-riskji għall-popolazzjoni ċivili, b'mod partikolari t-tfal, fi żmien meta l-impatt gravi, dannuż u deġġiem tal-ksur u l-abbużi fuq il-vittmi sar dejjem aktar ċar. Madankollu, il-Kunsill jagħraf ukoll li t-tfal jistgħu jkunu inkredibbilment reżiljenti u li, bl-appoġġ adegwat u f'waqtu, jistgħu jirkupraw minn sitwazzjonijiet estremi u jirnexxu. Il-protezzjoni, l-irkupru u r-reintegrazzjoni tagħhom huma essenzjali għall-paċi u s-sigurtà fit-tul kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli.
5. Il-Kunsill jadotta dawn il-Linji Gwida riveduti tal-UE dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati biex isaħħaħ il-kontribut tiegħu għar-rispett, il-protezzjoni u l-garanzija tad-drittijiet tat-tfal. Dan l-aġġornament jieħu kont tal-iżviluppi fl-UE u jallinja l-Linji Gwida b'mod sħiħ mal-qafas stabbilit mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz ta' riżoluzzjonijiet suċċessivi, b'mod partikolari s-sitt tipi ta' ksur serju mwettaq kontra t-tfal matul żminijiet ta' konflitti armati elenkati fihom. L-UE tfittex ukoll b'dan li ssaħħaħ l-allinjament u l-kooperazzjoni mal-mandat tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u tar-Rappreżentant Speċjali għat-Tfal u l-Konflitti Armati, mhux l-inqas l-enfasi usa' tiegħu fuq il-benesseri tat-tfal affettwati mill-konflitti armati, l-aċċess umanitarju u l-prevenzjoni.

6. L-UE ser tkompli żżid l-isforzi biex tiġġieled il-forom kollha ta' vjolenza kontra t-tfal, tipproteġi lit-tfal, u tippromwovi d-drittijiet tagħhom, inkluż is-saħħa fiżika, mentali u psikosoċjali tagħhom u l-aċċess tagħhom għas-servizzi bażiċi. L-UE ser taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi sħab biex tiżviluppa politiki u azzjonijiet komprensivi biex tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa d-drittijiet tat-tfal kollha mingħajr ebda diskriminazzjoni, u iżżid l-oportunitajiet għat-tfal biex ikunu membri tas-soċjetà responsabbli u reżiljenti. Fid-dawl tan-natura li qed tevolvi tal-konflitti u l-kriżijiet umanitarji fit-tul, l-UE ser tkompli ttejjeb ir-rabta tal-ħidma tagħha fuq id-dimensjoni umanitarja, tal-iżvilupp u tal-paċi ta' kriżijiet bħal dawn, filwaqt li tallinja aktar mill-qrib il-prevenzjoni tal-konflitti, l-immaniġġar tal-kriżijiet, u l-ġhajjnuna umanitarja mal-assistenza għall-iżvilupp u l-investimenti fl-edukazzjoni f'emerġenzi u l-protezzjoni soċjali madwar id-dinja. Il-protezzjoni tat-tfal affettwati minn konflitti għandha tkompli tkun pilastru ċentrali tal-aġenda tad-drittijiet tal-bniedem, tal-paċi u s-sigurtà, tal-konsolidazzjoni tal-paċi, tal-iżvilupp, u ta' dik umanitarja.
7. L-UE ser tkompli tiżgura t-tweqqif sħiħ tal-obbligi fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokoll Fakultattiv tagħha dwar l-involviment tat-tfal f'konflitti armati, inkluż fir-rigward tad-definizzjoni tat-tfal bħala kull bniedem taħt l-età ta' 18-il sena, u tippromwovi t-traspożizzjoni tagħhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, l-UE tirrikonoxxi l-valur ta' inizzjattivi globali bħall-Prinċipji u l-Impenji ta' Pariġi, il-Prinċipji ta' Vancouver, id-Dikjarazzjoni dwar Skejjel Sikuri u d-Dikjarazzjoni Politika dwar it-Tisħiħ tal-Protezzjoni tal-Popolazzjoni Ċivili mill-Konsegwenzi Umanitarji li jirriżultaw mill-użu ta' Armi Splussivi f'Żoni Popolati (EWIPA), u ser tkompli tħeġġeġ lill-istati kollha biex iżidu l-impenji tagħhom billi jikkunsidraw li jappoġġaw dawn l-inizzjattivi.

8. Filwaqt li jissottolinja l-importanza ta' aktar integrazzjoni tal-kwistjoni tat-Tfal affettwati minn Konflitti Armati (CAAC) fil-politiki esterni kollha tal-UE, il-Kunsill jistieden lill-istanzi kollha tiegħu involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet, is-servizzi u l-aġenziji tal-UE, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari, ir-rappreżentanti u l-mibgħuta speċjali, u korpi oħra biex jirdupjaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-Linji Gwida. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-integrazzjoni sħiħa tal-kwistjoni tas-CAAC fil-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, li tinkludi l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, inkluż il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet. B'rabta ma' dan, il-Kunsill jilqa' l-Lista ta' Kontroll aġġornata għall-Integrazzjoni tal-Protezzjoni tat-Tfal affettwati minn Konflitti Armati fil-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (Lista ta' Kontroll tal-PSDK). Il-Kunsill jinkariga lill-Gruppi ta' Ħidma rilevanti biex jirrieżaminaw u jirrapportaw regolarment dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida, bil-ħsieb li jiġu identifikati t-tagħlimiet meħuda u tinxtered l-aħjar prattika.
9. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jużaw il-firxa sħiħa tal-istrumenti tagħhom, fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna, biex jiffokaw fuq u jkomplu jsaħħu s-sensibilizzazzjoni globali, l-azzjonijiet u l-ipprogrammar effettiv, kif ukoll il-kooperazzjoni f'dan il-qasam. Il-Kunsill jistieden ukoll lis-sħab fir-reġjuni kollha, inkluż l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi privati, biex jingħaqdu flimkien u jżidu l-isforzi għar-riżoluzzjoni tal-konflitti u l-prevenzjoni tal-ksur serju mwettaq kontra t-tfal u r-rispons għalih kif ukoll ir-rispett, il-protezzjoni, u l-garanzija tad-drittijiet u l-protezzjoni tagħhom skont id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem b'sens ta' urġenza mġedded. Għat-tfal kollha, kullimkien.

ANNEX

AĠĠORNAMENT tal-2024

Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati (CAAC)

1 - INTRODUZZJONI

Is-sitwazzjoni tat-tfal, b'mod partikolari dawk affettwati minn konflitti armati, ilha prijetà tal-Unjoni Ewropea għal għexieren ta' snin. L-UE u l-Istati Membri tagħha kellhom rwol kruċjali fin-Nazzjonijiet Uniti, u kkontribwew b'mod sinifikanti għall-iżvilupp tal-aġenda tas-CAAC tan-NU u l-iżvilupp tal-mandat globali tagħha. Fl-2003, l-UE adottat l-ewwel Linji Gwida tagħha dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati, li sussegwentement ġew aġġornati fl-2008 biex jgħaqqdu flimkien il-politika tagħha f'għodda prattika biex tiggwida l-azzjoni. Fid-dawl tal-evoluzzjoni sinifikanti tal-politika globali u l-iżviluppi fl-UE minn dak iż-żmien 'l hawn, huwa meħtieġ aġġornament ulterjuri għal-Linji Gwida tal-UE biex tiġi appoġġata t-tkomplija tal-azzjoni effettiva tal-UE skont approċċ aktar komprensiv u olistiku.

It-tfal, u l-bniet b'mod partikolari, huma partikolarment vulnerabbli f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat. Il-konflitti armati u s-sitwazzjonijiet ta' vjolenza jimponu tbatija enormi fuq it-tfal, li, minħabba l-età, il-maturità fiżika u psikoloġika, id-dipendenza u l-istatus legali tagħhom huma aktar vulnerabbli għar-riskji, id-destituzzjoni, il-vjolenza, u n-negliġenza li d-dinamika tal-konflitt timponi fuq in-nies. It-tfal huma kwalunkwe bniedem taħt l-età ta' 18-il sena, kif stabbilit fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC).

It-tfal jirrappreżentaw sa nofs il-popolazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi affettwati minn konflitti armati. Globalment, miljuni ta' persuni jgħixu f'żoni affettwati minn konflitti jew qed jaħarbu minnhom. Għalhekk huma affettwati b'mod sproporzjonat.

It-tfal qed ikunu fil-mira f'konflitti armati u sitwazzjonijiet oħra ta' vjolenza armata minn atturi statali u mhux statali, inkluż organizzazzjonijiet terroristiċi u gruppi tal-kriminalità organizzata, u s-sikurezza u s-sigurtà tagħhom spiss jiġu pperikolati biex iservu objettivi militari, biex jgħinu attivitajiet kriminali, jew għal gwadann illeċitu ieħor. Maqtula u mmankati, reklutati u użati f'diversi kapaċitajiet minn gruppi armati u forzi armati, maħtufa u soġġetti għal stupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali u sfruttament, bi skejjel u sptarijiet attakkati, it-tfal huma soġġetti għal ksur serju u ksur jew abbużi serji oħra. Id-diżabilitajiet fiżiċi u mentali, ikkawżati minn gwerri, jaffettwaw lil miljuni ta' nies. Anke dawk li mhumie x involuti direttament f'konflitti armati jgħarbu tipi oħra ta' konsegwenzi relatati mal-konflitti, bħall-malnutrizzjoni, in-nuqqas ta' kenn u aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, id-diskriminazzjoni, kif ukoll il-vjolenza u t-trauma psikoloġika persistenti. Dejjem aktar, iċ-ċaħda tal-ġhajjnuna umanitarja twassal għal aktar imwiet mill-ġuħ u l-mard mill-impatt dirett tal-vjolenza nnifisha. Ħafna mill-ħsara mill-konflitti armati li ssir lit-tfal mhix ikkawżata direttament mill-ġlied, u lanqas ma tintemm meta jieqaf il-ġlied. L-impatt fuq il-paċi u s-sigurtà fuq livell dinji u l-iżvilupp sostenibbli huwa profond u dejjiemi. Il-ħsara dejjiema kkawżata lit-tfal u l-familji tagħhom f'konflitt armat tipperpetwa ċikli ta' vjolenza u faqar u għandha effetti interġenerazzjonali dejjiema li jimminaw ir-reżiljenza individwali u tas-soċjetà, u tfixxkel l-iżvilupp ta' soċjetajiet paċifiċi.

Oqsma oħra ta' tħassib li qed jikbru fir-rigward tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' konflitt u ta' wara konflitt jinkludu: ir-rwol aggravanti tat-tibdil fil-klima fir-riskji u l-vulnerabbiltajiet eżistenti li jiffaċċjaw it-tfal; l-użu indiskriminat ta' armi splussivi f'żoni popolati; il-fatt li l-iskejjel huma dejjem aktar fil-mira u qed jintużaw għal skopijiet militari bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali; l-impatt speċifiku tal-konflitti armati fuq it-tfal b'diżabilità; id-dimensjoni tal-ġeneru tal-ksur serju mwettaq kontra t-tfal; l-effetti dejjem agħar tal-faqar u l-inugwaljanzi; tfal fi spostament u f'sitwazzjonijiet ta' persuni spostati internament u refuġjati; tfal f'istituzzjonijiet jew imċaħħda mill-kura tal-familja; it-tħaddim tat-tfal, it-traffikar tal-bnedmin u l-iskjavitù sesswali; l-isfidi maħluqa mill-emerġenza ta' teknoloġiji ġodda, bħar-reklutaġġ online tat-tfal u l-proliferazzjoni u t-traffikar illeċitu ta' armi kif ukoll l-impatt tal-mini tal-art, il-fdalijiet esplożivi tal-gwerra (ERW) u l-apparat esplożiv improvviżat (IEDs).

Hija meħtieġa enfasi msaħħa fuq il-ġustizzja kriminali nazzjonali u internazzjonali, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja għat-tfal. Huwa kruċjali li l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli għal ksur serju mwettaq kontra t-tfal f'konflitti armati, skont il-mandat mogħti mid-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali, l-Istatut ta' Ruma tal-QKI, u l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra, biex tiġi miġġielda l-klima ta' impunità għal dawk li jwettqu reati kontra t-tfal, jiġu skoraġġuti abbużi fil-futur u titrawwem ir-responsabbiltà u tiġi promossa kultura ta' rispett għad-drittijiet tat-tfal.

L-Unjoni Ewropea, fl-involvement tagħha umanitarju, fil-qasam tal-iżvilupp, fil-paċi, fis-sigurtà kif ukoll fil-qasam tad-diplomazija, u kollettivament mal-Istati Membri tagħha, hija impenjata li tagħti prijorità lill-protezzjoni, il-benesseri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tat-tfal, filwaqt li tindirizza l-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tagħhom mingħajr diskriminazzjoni għal ebda raġuni,

2 - FINI

L-Unjoni Ewropea tagħti prijorità lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fil-qafas tal-politika tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dan mhuwiex biss minħabba li t-tfal huma vittmi vulnerabbli ta' konflitt illum, iżda għax isawru l-futur. L-UE tirrikonoxxi d-drittijiet inerenti tagħhom, minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokolli Fakultattivi tagħha, kif ukoll strumenti internazzjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-protezzjoni speċjali li jingħataw skont id-dritt internazzjonali.

Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU identifika sitt tipi ta' ksur gravi² bbażati fuq in-natura xokkanti tagħhom u l-impatt serju tagħhom fuq il-benesseri tat-tfal:

- il-qtil u l-immankar tat-tfal,
- ir-reklutaġġ jew l-użu tat-tfal fil-forzi u fil-gruppi armati,
- l-istupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali kontra t-tfal,
- il-ħtif tat-tfal,
- l-attakki kontra skejjel u sptarijiet,
- iċ-ċaħda ta' aċċess umanitarju għat-tfal.

² Id-definizzjonijiet huma speċifikati fil-Field Manual accompanying the Guidelines on the Monitoring and Reporting Mechanism on Grave Violations against Children in Situations of Armed Conflict [Manwal Operattiv li jakkumpanja l-Linji Gwida dwar il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ u Rappurtar dwar Ksur Serju Mwettag kontra Tfal f'Sitwazzjonijiet ta' Konflitt Armat] (DPKO, OSRSG Children and Armed Conflict, UNICEF, 2014)

L-UE tistinka biex tqajjem kuxjenza dwar din il-kwistjoni kritika kemm internament kif ukoll internazzjonalment. Aħna impenjati li nindirizzaw l-impatti fuq perjodu qasir, medju u fit-tul tal-konflitti armati u sitwazzjonijiet oħra ta' vjolenza armata fuq it-tfal b'mod effettiv u komprensiv, permezz ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni u r-rispons għal diversi ksur tad-drittijiet tat-tfal. Billi tuża varjetà ta' għodod għad-dispożizzjoni tagħha u tibni fuq inizjattivi eżistenti, l-UE għandha l-għan li tinvolvi lil pajjiżi terzi u atturi mhux statali. Dan jinkludi t-thegħgiġ tagħhom biex jimplimentaw u jirrispettaw u jippromwovu d-dritt internazzjonali, inkluż in-normi, l-istandards u l-istrumenti marbuta mad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt u n-normi internazzjonali, tar-refuġjati u fil-qasam umanitarju, u jieħdu miżuri effettivi biex jipproteġu lit-tfal mill-effetti tal-konflitti armati u jiżguraw ir-responsabbiltà għar-reati kontribom.

Dawn il-Linji Gwida huma maħsuba biex iservu bħala għodda Prattika biex jidderieġu u jassistu lill-atturi tal-UE madwar id-dinja fil-ħidma tagħhom fil-qasam tat-tfal u l-konflitti armati, inkluż sitwazzjonijiet oħra ta' vjolenza bl-armi minn atturi statali u mhux statali, bħal organizzazzjonijiet terroristiċi u gruppi tal-kriminalità organizzata. Filwaqt li tirrikonoxxi l-interkonnettività ta' diversi politiki, l-UE tenfasizza l-importanza ta' sforzi kontinwi u kkoordinati f'oqsma differenti, inkluż il-politika estera u ta' sigurtà, l-assistenza għall-iżvilupp, il-konsolidazzjoni tal-paċi u l-assistenza umanitarja. Dan l-approċċ komprensiv isaħħaħ ir-rispons kollettiv tagħna għas-sitwazzjoni mwiegħra tat-tfal f'konflitti armati u b'hekk jikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà fit-tul u l-iżvilupp sostenibbli.

3 - PRINCĠPI

L-UE hija bbażata fuq il-valuri tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal huma objettiv ewlieni tal-ħidma tal-Unjoni Ewropea kemm internament kif ukoll esternament. Huma minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li tiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal mill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej kollha meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Il-Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija adottat fl-2012 jistipula prinċipji, objettivi u prijoritajiet imfassla biex itejbu l-effettività u l-konsistenza tal-politika tal-UE, filwaqt li jinnota li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt jirfed l-aspetti kollha tal-politiki interni u esterni tal-UE. Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija jistabbilixxi l-livell ta' ambizzjoni u jiddefinixxi l-prijoritajiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha f'dan il-qasam fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, u jistabbilixxi kompiti speċifiċi li l-UE għandha twettaq. Barra minn hekk, il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż b'mod partikolari l-Linji Gwida tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal jipprovdu għodod prattiċi u gwida għall-implimentazzjoni ta' dawn l-impenji fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Flimkien mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2021), dawn il-politiki jippromwovu u jissalvagwardjaw id-drittijiet tat-tfal u jintegrawhom fil-politiki interni u esterni tal-Unjoni Ewropea.

Il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal

Iggwidata mill-prinċipji ewlenin li ġejjin, l-UE għandha ssaħħaħ il-ħidma tagħha biex tiżgura l-protezzjoni tat-tfal affettwati minn konflitti armati:

- **Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem:** Skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), tfal tffisser kwalunkwe bniedem taħt it-18-il sena. It-tfal kollha huma rikonoxxuti bħala detenturi indipendenti tad-drittijiet skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem bi protezzjoni speċjali mogħtija skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali. Għalkemm it-tfal jistgħu jkunu vittmi, huma wkoll superstiti u atturi fihom infushom. Dawn ma għandhomx jiġu ttrattati jew meqjusa unikament bħala atturi passivi. It-tfal għandhom jiġu mgħarrfa bid-drittijiet tagħhom. Leħinhom irid jinstema', skont l-età u l-maturità tagħhom, u l-ħtiġijiet tagħhom iridu jiġu indirizzati.
- **Id-dritt għall-ħajja, is-sopravivenza u l-iżvilupp:** F'konformità mal-UNCRC, l-UE ser tipprijorizza l-benesseri olistiku, il-protezzjoni u r-reintegrazzjoni tat-tfal kollha affettwati minn konflitti armati, filwaqt li tiżgura s-sopravivenza, l-iżvilupp, u r-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet tagħhom.
- **In-nondiskriminazzjoni u l-inklużjoni:** Il-protezzjoni u l-assistenza jingħataw mingħajr diskriminazzjoni fi kwalunkwe forma inkluż forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni. Meta ma neskludu lill-ebda tifel jew tifla u niżguraw aċċess ekwu għall-protezzjoni, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kura u protezzjoni tat-tfal kollha f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż il-bniet, it-tfal b'diżabilità, it-tfal indiġeni u dawk li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali, it-tfal mhux akkumpanjati, il-migranti, ir-refuġjati, il-persuni li jfittxu l-ażil, it-tfal spostati internament b'mod furzat u t-tfal apolidi, it-tfal imċaħħda mill-kura tal-familja, bħal tfal tat-triq jew tfal f'istituzzjonijiet, f'konformità mal-obbligi internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem skont id-dritt u l-istandards internazzjonali, u permezz ta' oqfsa ta' politika u leġiżlattivi eżistenti.

- **L-aħjar interessi tat-tfal:** l-aħjar interessi tat-tfal huma l-kunsiderazzjoni primarja fl-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-UE, f'konformità mal-UNCRC. Id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet kollha jridu jagħtu prijorità lill-benesseri, il-protezzjoni u s-sikurezza tat-tfal.
- **Approċċ differenzjat:** L-UE tirrikonoxxi l-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet differenti, u għandha l-għan li tfassal l-interventi tagħha biex tindirizza s-sitwazzjoni unika ta' kull tifel u tifla, filwaqt li tipprovi soluzzjonijiet olistiċi u sostenibbli; kif stabbilit fl-istudju tal-Uffiċċju tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għas-CAAC dwar id-dimensjonijiet tal-ġeneru tal-ksur serju mwettaq kontra t-tfal f'konflitti armati ("Gender Dimensions of Grave Violations against Children in Armed Conflict"), it-tfal kollha jeħtieġu protezzjoni, iżda l-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet tagħhom, fil-kuntest ta' konflitti armati, jistgħu jvarjaw skont l-età, il-maturità, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, id-diżabilitajiet, l-appartenenza għal minoranzi, iċ-ċirkostanzi speċifiċi, u n-natura tal-konflitt kif ukoll l-assoċjazzjoni perċepita jew reali tagħhom mal-partijiet f'konflitt.
- **Il-protezzjoni ta' tfal assoċjati ma' forzi armati jew gruppi armati:** It-tfal assoċjati ma' forzi jew gruppi armati (CAAFAG) dejjem iridu jitqiesu primarjament bħala vittmi tas-sitt tipi ta' ksur gravi skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (IHRL) u d-dritt umanitarju internazzjonali (IHL). Il-perspettiva tat-tfal, ibbażata fl-aħjar interess tat-tfal u li tiffoka fuq il-protezzjoni tas-subien u tal-bniet kontra s-sitt tipi ta' ksur gravi matul konflitt hija ċentrali għall-proċessi ta' Diżarm, Demobilizzazzjoni u Reintegrazzjoni (DDR) u dawk relatati mad-DDR. Għalhekk, il-protezzjoni, il-ħelsien u r-(re)integrazzjoni mingħajr kundizzjonijiet u immedjati tat-tfal assoċjati ma' forzi jew gruppi armati mal-familja u l-komunità tagħhom għandhom jiġu ppjanati u prijoritizzati f'kull ħin, irrispettivament mid-deżinjazzjoni tal-grupp armat, f'konformità mal-IHRL u l-IHL. Għandha tingħata attenzjoni speċifika għall-isfidi li jiffaċċjaw it-tfal li jitwiellu fi ħdan gruppi armati kif ukoll dawk li jiġu rekrutati bħala tfal u demobilizzati bħala adulti. It-tfal fl-età ta' responsabbiltà kriminali, u li jkunu suspettati li wettqu reat serju, għandhom jingħaddew għand atturi ċivili, u l-ġustizzja għandha tingħata f'oqfsa tal-ġustizzja għall-minorenni. Jenħtieġ li t-tfal ma jiġux detenuti biss abbażi tal-assoċjazzjoni tagħhom ma' gruppi armati.

- **Approċċ iċċentrat fuq it-tfal u l-vittmi:** L-enfasi hija fuq il-benesseri u l-ħtiġijiet tat-tfal. Dan ifisser l-involvement attiv tat-tfal fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom kull meta jkun possibbli, u l-iżgurar li leħinhom jinstema', ma jiġux trawmatizzati mill-ġdid, u tingħata prijorità lill-benesseri u s-sikurezza tagħhom. L-UE tagħti prijorità lill-indirizzar tal-ħsara speċifika li t-tfal jesperjenzaw f'ambjenti ta' konflitti armati.
- **Ir-reattività għall-età u l-kwistjonijiet ta' ġeneru:** Il-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet tat-tfal jinbidlu hekk kif jikbru. L-UE tagħraf dan u ssawwar l-interventi tagħha skont dan. Barra minn hekk, il-bniet u s-subien spiss jesperjenzaw il-konflitt b'mod differenti u għandhom vulnerabbiltajiet speċifiċi. L-UE tqis dawn il-ħtiġijiet speċifiċi għall-età u għall-ġeneru sabiex tiżgura li t-tfal kollha jirċievu protezzjoni u appoġġ adatti.
- **B'kunsiderazzjoni tat-trawmi:** Il-konflitti armati jista' jkollhom impatt psikoloġiku profund fuq it-tfal. L-approċċ tal-UE jagħraf dan u għandu l-għan li jipprovdi appoġġ li huwa sensittiv għat-trawmi li t-tfal setgħu jgħaddu minnhom, inkluż il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u l-ħtiġijiet tagħhom għall-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ għas-saħħa mentali u psikosoċjali li jippromwovu l-fejqa u l-irkupru
- **L-irfigħ tar-responsabbiltà, l-aċċess għall-ġustizzja u l-ġustizzja għall-minorenni:** L-UE tappoġġa l-monitoraġġ, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati u ksur imwettqa kontra t-tfal li jiffukaw fuq it-tfal. L-awturi jridu jinżammu responsabbli. Huwa kruċjali li jiġu żviluppati sistemi tal-ġustizzja mfassla apposta għat-tfal, għat-tfal kollha li jiġu f'kuntatt mal-liġi u m'caħħda mil-libertà, kif ukoll li jingħataw aċċess għall-għajnuna legali u jiġu involuti f'inizjattivi ta' ġustizzja tranżizzjonali.

- **Il-parteciċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġh u l-għoti tas-setgħa lilhom:** L-UE tippromwovi, tappoġġa u tiżgura l-inklużjoni sinifikattiva u l-parteciċipazzjoni attiva tat-tfal u ż-żgħażaġh f'deċiżjonijiet li jaffettwawhom fil-livelli kollha, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' konflitt, b'mod partikolari permezz tal-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE (YAP).
- **L-approċċ "La tagħmilx ħsara" kif ukoll wieħed sensittiv għall-konflitti li jissalvagwardja lit-tfal:** L-UE tippromwovi l-għan li l-politiki u l-azzjonijiet kollha jipprevjenu sistematikament il-konsegwenzi potenzjalment dannużi fuq it-tfal u d-drittijiet tagħhom ikkawżati mill-attivitajiet jew mill-persunal involut, u ma jaggravawx id-dinamika tal-konflitti.

Kollaborazzjoni Internazzjonali

Fil-ħidma tagħha, l-UE hija ggwidata min-normi u l-istandards internazzjonali u reġjonali rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju, inkluż dawk li jinsabu fl-Anness I. L-UE tikkollabora b'mod attiv mal-atturi rilevanti u tappoġġa l-ħidma tagħhom, b'mod partikolari:

- Is-Segretarju Ġenerali tan-NU
- Ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għat-Tfal u l-Konflitti Armati u l-uffiċċju tagħhom

- Ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali dwar il-Vjolenza kontra t-Tfal u l-uffiċċju tagħhom
- It-Task Force tan-NU inkarigat mill-Monitoraġġ u r-Rappurtar fuq livell nazzjonali (CTFMR) jew l-ekwivalenti tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' tħassib fil-pajjiż
- Uffiċċji, Dipartimenti u Aġenziji tan-NU bħall-UNICEF, id-DPO, id-DPPA, id-DCO, UN Women, l-UNODC, l-UNFPA, l-OHCHR, l-UNHCR, l-UNDP, l-ILO, l-OCHA, il-UNESCO u d-WHO (fil-livell ta' kwartieri ġenerali u reġjonali/lokali)
- Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati
- Grupp reġjonali/lokali tal-Ħbieb tas-CAAC jew gruppi ad hoc ekwivalenti ta' sħab tal-istess fehma
- Il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal
- Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem
- Il-Kwistjonijiet Soċjali, Umanitarji u Kulturali (it-Tielet Kumitat) tal-Assemblea Ġenerali tan-NU
- Il-Qorti Kriminali Internazzjonali u, kif xieraq, tribunali internazzjonali speċjali
- Proċeduri Speċjali tan-NU u korpi investigattivi b'mandat min-NU
- Il-Grupp ta' Ħidma ta' bejn l-Aġenziji tan-NU dwar id-DDR u fora simili oħra
- Il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA)
- Il-Kunsill tal-Ewropa
- L-Unjoni Afrikana u organizzazzjonijiet reġjonali oħra
- L-OSKE/l-ODIHR

- Organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali mhux governattivi, inkluż organizzazzjonijiet immexxija mit-tfal, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u difensuri tad-drittijiet tat-tfal u organizzazzjonijiet u networks ibbażati fil-komunità
- atturi rilevanti oħra

L-UE tikkontribwixxi u taħdem b'mod proattiv ma' dawn l-atturi biex tiżgura li s-salvagwardji internazzjonali eżistenti għad-drittijiet tat-tfal jissaħħu u jiġu implimentati b'mod effettiv.

4 - NINDIRIZZAW L-ISFIDI TAT-TFAL F'KONFLITTI ARMATI

F'dawn l-aħħar żewġ deċennji seħħet bidla drammatika fl-attivitajiet ta' gwerra; tattiċi bħal bombardamenti mill-ajru indiskriminati u sproporzjonati, bombardamenti u attakki bid-droni, assedji u imblokk biex jiċħdu l-konsenja ta' provvisti ta' sokkors lill-popolazzjonijiet ċivili, il-persistenza ta' ordinanza mhux sploduta u l-mini f'żoni ċivili, ipoġġu lit-tfal f'riskju serju li jinqatlu jew jiġu mmankati.

L-immirar tal-iskejjel, l-isptarijiet, u infrastruttura ċivili kritika oħra bħas-sistemi tal-ilma u tal-enerġija joħolqu riskju dejjem akbar għas-sopravivenza u l-iżvilupp tat-tfal. F'xi każijiet, gruppi jew forzi armati jopponu b'mod attiv l-aċċess tal-bniet għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, u dan ixekkel l-aċċess għal dawn is-servizzi vitali. Anke fin-nuqqas ta' mmirar dirett, in-nuqqas ġenerali ta' sigurtà taż-żoni ta' konflitt jiskoraġġixxi lit-tfal, lill-għalliema u lill-persunal mediku milli jattendu l-iskola jew milli jipprovdu għajjnuna medika.

Il-ħtif ta' tfal żdied konsiderevolment f'sitwazzjonijiet li jidhru fuq l-aġenda tat-tfal u l-konflitti armati, kemm jekk dan isir biex jiġu tterrorizzati l-komunitajiet, jitpoġġew fil-mira lil gruppi speċifiċi, b'mod speċifiku l-bniet u l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni, biex it-tfal jiġu mġiegħla jipparteċipaw f'oġġettiviet jew inkella għat-traffikar tal-bnedmin u l-iskjavitù sesswali jew għal skopijiet oħra ta' sfruttament. Anke meta jiġu meħlusa jew jekk jirnexxilhom jaħarbu minn min ħatafhom, it-tfal maħtufa jkomplu jiffaċċjaw sfidi kbar u stigma li jħallu impatt fuq ir-reintegrazzjoni u r-riabilitazzjoni tagħhom fil-komunitajiet tagħhom.

Il-vjolenza sesswali qed issir dejjem aktar karatteristika tal-konflitti u spiss titwettaq kontra l-bniet u s-subien fl-assenza tal-istat tad-dritt. It-tfal li jesperjenzaw vjolenza u sfruttament sesswali jsofru minn trawma psikoloġika fit-tul, konsegwenzi fuq is-saħħa inkluż infezzjonijiet trażmessi bħall-HIV/AIDS u tqala bikrija. In-normi u l-prattiki ta' ħsara b'rabta mal-ġeneru, bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili, l-infantiċidi femminili, iż-żwieġ tat-tfal, dak prekoċi u furzat, l-istigmatizzazzjoni għan-nuqqas ta' konformità mal-istereotipi marbutin mal-ġeneru kif ukoll in-normi soċjali diskriminatorji u d-diskriminazzjoni jqiegħdu lill-bniet f'riskju partikolari.

Iċ-ċaħda tal-aċċess umanitarju, inkluż l-attakki intenzjonati kontra l-ħaddiema umanitarji, tibqa' ostaklu kbir għall-protezzjoni tat-tfal. In-nuqqas ta' għajjuna umanitarja essenzjali jista' jwassal għal malnutrizzjoni severa, nuqqas ta' żvilupp, nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni u kura medika essenzjali li għandhom konsegwenzi fit-tul fuq l-iżvilupp għat-tfal. Huwa essenzjali li jkun hemm komunikazzjoni mal-partijiet f'konflitt biex ikun jista' jinkiseb aċċess filwaqt li tiġi żgurata r-responsabbiltà għall-ksur imwettaq huwa essenzjali. L-użu tat-tfal minn gruppi armati, fil-ġlied jew fi rwoli ta' appoġġ, huwa ta' tħassib kontinwu.

Ir-reklutaġġ furzat ta' tfal taħt l-età ta' 18-il sena u l-użu ta' tagħhom f'oštilitajiet kemm mill-forzi armati kif ukoll mill-gruppi armati huma illegali u waħda mill-aġar forom ta' tħaddim tat-tfal. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ ta' tfal taħt il-15-il sena jikkostitwixxi delitt tal-gwerra. Dan ipoġġi piż inuman u konsegwenzi ta' ħsara fit-tul fuq dawn it-tfal, li jibqgħu fil-bieċa l-kbira vittmi u spiss jiffaċċjaw stigma u twarrib. L-arrest u d-detenzjoni ta' tfal assoċjati ma' gruppi armati, kemm jekk minħabba li huma pperċepiti bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali jew minħabba li allegatament ipparteċipaw f'oštilitajiet, ikompli jivvittimizzahom.

Il-protezzjoni, il-ħelsien u r-(re)integrazzjoni mingħajr kundizzjonijiet u immedjati ta' tagħhom mal-familja u l-komunità ta' tagħhom, irrispettivament mid-deżinjazzjoni potenzjali tal-grupp armat, f'konformità mal-IHRL u l-IHL, għandhom jingħataw prijorità. Jekk ikun hemm tfal fl-età ta' responsabbiltà kriminali, u li jkunu ssuspettati li wettqu reat serju, dawn għandhom jingħaddew għand atturi ċivili, u l-ġustizzja għandha tingħata f'oqfsa tal-ġustizzja għat-tfal, fejn dawn ikunu jeżistu.

L-UE ser tappoġġa n-negożjar, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-partijiet għall-konflitt biex jintemmu u jiġu evitati s-sitt tipi ta' ksur serju mwettaq kontra t-tfal kif ukoll il-protokolli għat-trasferiment mill-partijiet għall-konflitt, biex it-tfal allegatament assoċjati ma' gruppi armati jiġu ttrasferiti malajr lil atturi ċivili għall-protezzjoni tat-tfal għar-reintegrazzjoni ta' tagħhom.

Sfidi b'impatt fuq azzjoni effettiva

Ostakli sinifikanti jfixxlu l-appoġġ umanitarju, tal-iżvilupp u tal-protezzjoni effettiv għat-tfal mill-UE u minn atturi oħra li jaħdmu f'żoni ta' konflitt. Sfidi bħal dawn jinkludu n-natura kumplessa u li dejjem tinbidel tal-konflitti moderni, il-limitazzjonijiet fuq l-aċċess għat-territorju u l-popolazzjonijiet affettwati minħabba vjolenza kontinwa jew impedimenti amministrattivi restrittivi, u nuqqas ta' kapacià fost l-atturi lokali li jindirizzaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet tat-tfal.

Azzjoni effettiva biex jiġi indirizzat il-ksur imwettaq kontra t-tfal affettwati minn konflitti armati hija kkumplikata minħabba lakuni fid-data u indikaturi ta' twissija bikrija insuffiċjenti, li jxekklu l-isforzi biex, qabel kollox, jiġi evitat li jitwettaq ksur gravi. Il-limitazzjonijiet tar-riżorsi u d-diffikultà li jiġi kkoordinat il-finanzjament minn diversi sorsi jikkumplikaw ukoll l-azzjoni effettiva.

Barra minn hekk, oqfsa legali dgħajfa u nuqqas ta' rfiġ tar-responsabbiltà għal reati kontra t-tfal jgħolqu klima ta' impunità fejn il-ksur imwettaq ma jiġix ikkastigat. L-indirizzar tal-impatti soċjoekonomiċi fit-tul tal-konflitti, il-faqar, in-nuqqas ta' opportunitajiet edukattivi għat-tfal, speċjalment il-bniet, ir-riżorsi limitati għas-servizzi tas-saħħa (inkluż l-appoġġ għas-saħħa mentali u psikosoċjali), u l-persistenza ta' normi u prattiki kulturali dannużi kollha jgħolqu ostakli sinifikanti biex tiġi evitata r-rikorrenza u tinkiseb paċi dejjiema u jiġu protetti t-tfal.

Opportunitajiet għal azzjoni effettiva tal-UE

Sabiex issaħħaħ l-isforzi tagħha biex tippoteġi lit-tfal maqbuda f'konflitti armati, l-UE ser **tibni sħubijiet aktar b'saħħithom** u trawwem dan li ġej:

- **Appoġġ għall-prevenzjoni:** Huwa meħtieġ investiment akbar fil-prevenzjoni tal-konflitti armati u tal-ksur tad-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari s-sitt tipi ta' ksur serju mwettaq kontra t-tfal. L-implimentazzjoni ta' sistemi ta' twissija bikrija, l-indirizzar tal-indikaturi tar-riskju u l-lakuni fid-data, jistgħu jgħinu fl-identifikazzjoni ta' theddid potenzjali għat-tfal qabel ma jitwettaq il-ksur, biex b'hekk tkun tista' tittieħed azzjoni preventiva. It-twettiq ta' analiżi regolari tal-konflitti u valutazzjonijiet tad-drittijiet u l-ħtiġijiet tat-tfal huwa kruċjali biex jitfasslu azzjonijiet preventivi effettivi u f'waqthom. L-investiment f'edukazzjoni ta' kwalità, sensittiva għall-konflitti, infurmata dwar ir-riskji, sensittiva għall-kwistjonijiet marbuta mal-età u l-ġeneru u inklużiva jista' wkoll itaffi r-rikorrenza tal-konflitti u jnaqqas ir-riskju tal-abbuż u l-isfruttament tat-tfal.

- **Tisħiħ tal-approċċ li jorbot elementi umanitarji, ta' żvilupp u ta' paċi:** L-UE tiegħu impenn biex tiżgura li l-ħtiġijiet umanitarji, tal-iżvilupp u tal-konsolidazzjoni tal-paċi jiġu indirizzati b'mod koordinat biex jiġu indirizzati kriżijiet fit-tul u prevedibbli, inkluż kemm il-ħtiġijiet immedjati kif ukoll is-soluzzjonijiet fit-tul. L-appoġġ għall-ħolqien ta' ambjent protettiv u ta' appoġġ sostenibbli għat-tfal qabel, matul u wara l-konflitt jirrikjedi finanzjament sostnut u adegwat biex jiżdedu l-interventi u jiġu sostnuti programmi fit-tul għall-protezzjoni tat-tfal, inkluż l-allokazzjoni ta' riżorsi għall-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, l-appoġġ psikosoċjali, il-kura tas-saħħa, u s-servizzi ta' protezzjoni mfassla apposta għall-ħtiġijiet diversi tat-tfal. L-appoġġ, inkluż ir-riżorsi finanzjarji adegwati, għall-funzjonament tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u rappurtar tan-NU fuq il-post huwa kruċjali.
- **Investiment f'sistemi integrati ta' protezzjoni tat-tfal:** L-UE għandha tappoġġa sistemi integrati ta' protezzjoni soċjali u protezzjoni tat-tfal u li jkunu reattivi għal kwistjonijiet ta' età u ta' ġeneru, inklużivi għad-diżabilità u bbażati fil-komunità f'pajjiżi fraġli u f'pajjiżi milquta minn konflitti biex jgħinu fil-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, l-irkupru u r-rispons għall-ksur tad-drittijiet tat-tfal u biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura tat-tfal, b'mod olistiku u b'diversi partijiet ikkonċernati, inkluż ir-reintegrazzjoni, ir-riabilitazzjoni, l-opportunitajiet edukattivi, inkluż it-taħriġ vokazzjonali u tekniku, is-servizzi ta' protezzjoni tat-tfal, ir-riunifikazzjoni tal-familja, fejn applikabbli, il-kura tas-saħħa adegwata, inkluż il-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, is-servizzi ta' appoġġ għas-saħħa mentali u psikosoċjali (MHPSS) u aspetti kritiċi oħra.

- **Programmi għad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni (DDR), għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà u ta' Appoġġ għall-Ġustizzja:** L-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet tal-protezzjoni tat-tfal fi programmi għad-diżarm, id-demobilizzazzjoni u r-reintegrazzjoni jew programmi oħra relatati, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, l-isforzi kontra t-terroriżmu u programmi li jiġġieldu n-networks tal-kriminalità organizzata, u programmi tal-ġustizzja mfassla apposta għat-tfal (li jiżguraw aċċess għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal, għajnuna legali mingħajr ħlas u rimedju effettiv), u l-appoġġ għal inizjattivi ta' reintegrazzjoni ffukati fuq it-tfal u mfassla apposta. L-appoġġ għar-reintegrazzjoni bħala komponent ta' sistema usa' ta' protezzjoni tat-tfal u l-konsiderazzjoni tal-għanijiet u l-prinċipji tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) jiżguraw azzjoni aktar inklużiva, aktar komprensiva u fit-tul.
- **Kooperazzjoni u promozzjoni fil-post:** L-UE għandha trawwem kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-entitajiet u l-aġenziji tan-NU, il-gvernijiet nazzjonali u l-awtoritajiet lokali tal-pajjiżi milquta minn konflitt, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi internazzjonali u nazzjonali u l-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili li jaħdmu direttament mat-tfal fil-post (inkluż Grupp ta' Ħbieb tas-CAAC). Għandhom jissaħħu aktar il-konsolidazzjoni tad-djalogu regolari dwar l-oġettivi u l-prinċipji tal-protezzjoni tat-tfal mas-sħab internazzjonali, il-gvernijiet nazzjonali, il-partijiet għall-konflitt u l-organizzazzjonijiet lokali, il-kooperazzjoni mill-qrib mal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u rappurtar b'mandat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u t-Task Forces tan-NU inkarigati mill-Monitoraġġ u r-Rappurtar fuq livell nazzjonali (CTFMR) u l-gruppi ta' ħidma ekwivalenti tagħhom u l-appoġġ għalihom.
- **Taħriġ u Appoġġ:** Huwa kruċjali li jsir investiment fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-atturi kollha li jaħdmu fuq il-protezzjoni tat-tfal. L-għoti ta' taħriġ u appoġġ ser itejjeb l-oqfsa regolatorji u ta' politika, il-programmi u l-interventi fil-livelli kollha billi daww responsabbli, kemm min irid jerfa' r-responsabbiltà kif ukoll id-detenturi tad-drittijiet, jingħataw il-ħiliet u r-riżorsi meħtieġa biex jindirizzaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal fil-livell nazzjonali u dak lokali. Huwa meħtieġ taħriġ regolari aħjar għall-persunal tal-UE u persunal ieħor, speċjalment daww f'kuntatt dirett mat-tfal u daww involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwaw lit-tfal.

- **Appoġġ għal soluzzjonijiet lokali:** Ir-rikonoxximent u l-appoġġ għal inizzjattivi mmexxija mit-tfal u mmexxija mill-komunità għall-paċi u l-protezzjoni jagħtu s-setgħa lill-ilħna lokali u jippermettu soluzzjonijiet kulturalment xierqa.
- **Parteċipazzjoni tat-tfal:** L-iżgurar ta' parteċipazzjoni attiva, ekwa, sinifikattiva u effettiva tat-tfal skont il-UNCRC fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwawhom, inkluż, b'mod partikolari fit-tfassil ta' programmi ta' reintegrazzjoni. L-UE ser tfittex ukoll li tagħmel użu mill-Grupp Konsultattiv taż-Żgħażaġħ li jagħti pariri lill-Kummissarju u lid-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA) u mill-istrutturi konsultattivi għaż-żgħażaġh li jipprovdu pariri lid-Delegazzjonijiet tal-UE stabbiliti taħt il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE 2022-2027.

Bl-implimentazzjoni ta' dawn l-oġettivi komprensivi, l-UE tista' ssaħħa b'mod sinifikanti l-impenn tagħha fil-protezzjoni tat-tfal affettwati minn konflitti armati. Approċċ kollaborattiv u olistiku li jinvesti fil-kapaċità lokali u jagħti prijorità lil miżuri preventivi u lil assistenza komprensiva jista' jikkontribwixxi għal futur aktar sikur u pożittiv għat-tfal maqbuda bejn iż-żewġ partijiet fil-gwerra.

5 - IMPLIMENTAZZJONI U GĦODOD OPERAZZJONALI

A) Għodod tal-UE għall-Azzjoni:

L-UE għandha firxa ta' għodod għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza kwistjonijiet tas-CAAC, li jibnu fuq inizzjattivi eżistenti:

- **Djalogu politiku:** L-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem tad-djalogu politiku ma' pajjiżi terzi ser jinkludu l-benesseri u d-drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' qabel il-konflitt, matul il-konflitt, u wara l-konflitt.
- **Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE):** Ir-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu rwol importanti ta' promozzjoni fir-rigward tal-aderenza globali mal-istandards tad-drittijiet tat-tfal. Ir-RSUE ġeografiċi għandhom jimpenjaw ruħhom wkoll f'azzjonijiet speċifiċi u ħidma biex jintlaħqu n-nies rigward kwistjonijiet relatati mat-tfal u l-konflitti armati f'pajjiżi prijoritarji koperti mill-mandati tagħhom. Huma għandhom jinkludu s-CAAC fil-preżentazzjonijiet tagħhom lill-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill. Il-kwistjoni tat-tfal affettwati minn konflitti armati għandha tiġi inkluża fil-mandati tar-RSUE f'pajjiżi prijoritarji meta jiġu biex jiġġeddu.

- Démarches u Dikjarazzjonijiet Pubbliċi:** L-UE ser thegġegħ lill-pajjiżi terzi rilevanti biex jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal mill-effetti ta' konflitti armati u ksur serju u biex itemmu l-impunità. Filwaqt li tfakkar fir-rwol importanti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jista' jkollhom fl-appoġġ tad-djalogu mal-partijiet kollha għall-konflitti li fuqhom jista' jkollhom influwenza biex jintemm u jiġi pprevenut ksur gravi tad-drittijiet tat-tfal. Ir-rapport annwali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u r-rapporti speċifiċi għall-pajjiż tiegħu dwar it-tfal u l-konflitti armati u l-konklużjonijiet li jakkumpanjawh tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati għandhom jiggwidaw il-ħidma ta' sensibilizzazzjoni tal-UE. Ir-Rappreżentanti Speċjali u l-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE ser jingħataw il-kompitu li jkomplu jindirizzaw il-kwistjoni ma' atturi mhux statali fejn rilevanti. Fejn xieraq, l-UE ser tirreaġixxi wkoll għall-iżviluppi pożittivi li seħħew. L-UE ser tkompli tippromwovi r-ratifika universali tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokoll Fakultattiv tagħha dwar l-Involviment tat-Tfal f'Konflitti Armati (OPAC) u l-Konvenzjoni Nru 182 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal. L-UE ser tkompli thegġegħ lill-istati kollha biex iżidu l-impenji tagħhom billi jikkunsidraw l-approvazzjoni ta' strumenti u impenji internazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal affettwati mill-konflitti, inkluż il-Prinċipji u l-Impenji ta' Pariġi, il-Prinċipji ta' Vancouver, id-Dikjarazzjoni dwar Skejjel Sikuri u d-Dikjarazzjoni Politika dwar it-Tisħiħ tal-Protezzjoni taċ-Ċittadini mill-Konsegwenzi Umanitarji li jirriżultaw mill-użu ta' Armi Splussivi f'Żoni Popolati (EWIPA). L-UE ser thegġegħ lill-istati kollha biex jirratifikaw l-Istatut ta' Ruma u biex jikkooperaw mal-Qorti Kriminali Internazzjonali u tribunali internazzjonali u reġjonali oħra u mekkaniżmi ta' responsabbiltà, inkluż fl-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest.
- Kooperazzjoni multilaterali:** L-UE hija impenjata fil-finanzjament ta' proġetti relatati mat-tfal u l-konflitti armati u permezz tal-assistenza umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. L-UE ser tesplora l-possibbiltajiet li testendi l-appoġġ, filwaqt li tqis ir-rabta bejn il-ħtiġijiet umanitarji, tal-iżvilupp u tal-konsolidazzjoni tal-paċi.

- **Kooperazzjoni Bilaterali:** L-UE hija impenjata li tappoġġa u tiffinanzja programmi mmirati lejn il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal permezz tal-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi terzi u fuq livell reġjonali fil-qafas usa' tas-sħubijiet internazzjonali u l-assistenza umanitarja. L-Istati Membri ser jirriflettu wkoll dawn il-prijoritajiet fil-proġetti ta' kooperazzjoni bilaterali tagħhom.
- **Appoġġ għas-settur mhux governattiv internazzjonali, nazzjonali u lokali:** L-UE tkompli tappoġġa lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili involuti fil-protezzjoni tat-tfal u d-drittijiet tagħhom f'konflitti armati u f'kuntatti oħra ta' vjolenza. Dan għandu jinkludi l-bini tal-istituzzjonijiet u t-tiżni ta' inizjattivi għall-protezzjoni tat-tfal, inkluż sistemi tal-ġustizzja mfassla apposta għat-tfal, amministrazzjoni tal-ġustizzja għall-minorenni, riforma leġislattiva, taħriġ u pariri għall-pulizija lokali u l-forzi armati, l-uffiċjali tal-amministrazzjoni penitenzjarja u tal-ġustizzja, it-tiżni tal-kapaċitajiet tal-NGOs lokali għad-drittijiet tat-tfal; id-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni (DDR) u r-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (SSR) konxji mill-ħtiġijiet tat-tfal.
- **Missjonijiet u operazzjonijiet ta' maniġġar tal-kriżijiet:** Il-protezzjoni tat-tfal ser tiġi indirizzata u integrata kif xieraq fil-proċessi tal-ippjanar, fid-dokumenti u fit-twettiq tal-operazzjonijiet, f'konformità mal-Lista ta' Kontroll aġġornata għall-integrazzjoni tal-protezzjoni tat-tfal affettwati minn konflitti armati fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. Il-mandati u l-pjanijiet operazzjonali ser jikkunsidraw il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u t-tħassib dwar il-protezzjoni tat-tfal, b'mod partikolari dawk tal-bniet, meta possibbli, skont il-mandati u l-kapaċitajiet tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE. Għandhom jiġu pprovduti taħriġ u pariri dwar il-protezzjoni tat-tfal għall-persunal militari u ċivili skjerat tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK.

- **Kooperazzjoni mas-sħab:** Parteċipazzjoni fi Gruppi ta' Ħbieb dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati lokali u reġjonali u gruppi ta' ħidma ekwivalenti, kif ukoll skambji regolari dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar mat-task forces tan-NU fuq livell nazzjonali, l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Speċjali għat-Tfal u l-Konflitti Armati, l-UNICEF, id-DPO u d-DPPA.
- **Miżuri oħra:** L-UE tista' tikkunsidra li tiegħu miżuri mmirati, inklużi miżuri restrittivi jekk xieraq, jew li tirrieżamina ftehimiet ma' pajjiżi terzi abbażi tar-rekord tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari fir-rigward tas-CAAC.

Bl-użu tal-firxa ta' għodod għad-dispożizzjoni tagħha, l-UE ser tfittex li tiżgura li d-drittijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal jiġu kkunsidrati fl-approċċi ta' twissija bikrija u dawk preventivi kif ukoll f'sitwazzjonijiet attwali ta' konflitt, negozjati għall-paċi, ftehimiet ta' paċi, fażijiet ta' rikostruzzjoni, riabilitazzjoni, reintegrazzjoni u żvilupp fit-tul ta' wara konflitt u tiżgura li l-ksur serju mwettaq kontra t-tfal jiġi eskluż minn kull amnestija. L-UE ser tfittex li tiżgura li l-komunità lokali, inkluż it-tfal, tkun involuta fil-proċess ta' paċi. F'dan il-kuntest, l-UE ser tisfrutta l-esperjenza miksuba fi ħdan is-sistema tan-NU u l-organizzazzjonijiet reġjonali u tibni fuqha.

B) Implimentazzjoni:

Monitoraġġ u Rappurtar

- **Kapijiet ta' Missjonijiet tal-UE, Kapijiet ta' Missjonijiet tal-PSDK u Kmandanti Militari f'pajjiżi prijoritarji:** Jinkludu analiżi tal-impatt tal-konflitt fuq it-tfal fir-rapporti regolari tagħhom, jiżguraw l-integrazzjoni tas-CAAC fl-istrateġiji lokali tal-pajjiżi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-UE u jrawmu koordinazzjoni regolari fil-post mad-Delegazzjonijiet tal-UE, il-missjonijiet tal-Istati Membri tal-UE, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, il-Koordinaturi Residenti tan-NU u t-Timijiet tal-Pajjiżi tagħhom, it-Task Forces tan-NU inkarigati mill-Monitoraġġ u r-Rappurtar fuq livell nazzjonali (CTFMR) jew l-ekwivalenti tagħhom, donaturi oħra, NGOs u s-settur privat.

- **Il-Kummissjoni:** Tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill u tal-Istati Membri għar-rapporti u l-informazzjoni rilevanti dwar proġetti ffinanzjati mill-UE b'rabta mas-CAAC, kif ukoll tiżgura li jiġu allokat i rżorsi finanzjarji adegwati għall-protezzjoni tat-tfal affettwati minn konflitti armati f'pajjiżi prijoritarji, inkluż biex jiġi appoġġat il-funzjonament tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u rappurtar fil-post, u li l-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE jkunu konformi mal-Linji Gwida.
- **L-Istati Membri:** Jikkontribwixxu informazzjoni dwar proġetti bilaterali u impenji diplomatiċi rilevanti relatati mas-CAAC, inkluż f'koordinazzjoni fil-post f'pajjiżi prijoritarji.

Kunsill: Implimentazzjoni u Segwitu

- Il-KPS għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-UE skont dawn il-linji gwida u jiżviluppa modalitajiet għall-integrazzjoni tas-CAAC fil-politiki u l-azzjonijiet rilevanti tal-UE, filwaqt li jikkollabora ma' korpi oħra tal-UE għas-sigurtà u l-iżvilupp.
- Il-COHOM għandu jirrieżamina, jaġġorna u jipubblika regolarment il-lista ta' pajjiżi prijoritarji abbażi ta' informazzjoni minn sorsi rilevanti, inkluż ir-rapport u l-briefings tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u jiżgura kollaborazzjoni bejn il-gruppi ta' ħidma rilevanti.
- Il-Gruppi ta' Ħidma ġeografiċi rilevanti għandhom jifformulaw rakkomandazzjonijiet għal azzjoni fis-sitwazzjonijiet tal-pajjiżi prijoritarji rispettivi tagħhom.
- Il-COHOM għandu jirrieżamina u jevalwa l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida f'koordinazzjoni mal-atturi rilevanti u jidentifika lakuni u ħtiġijiet possibbli f'koordinazzjoni mill-qrib mal-gruppi ta' ħidma rilevanti, ir-Rappreżentanti Speċjali, il-Kapijiet tal-Missjoni, il-Kapijiet tal-Missjoni ta' missjonijiet ċivili u l-Kmandanti Militari tal-UE (permezz tal-linja ta' kmand).
- Il-COHOM għandu jesplora aktar kooperazzjoni man-NU, organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, NGOs, u s-settur privat.

- Is-SEAE għandu jirrapporta kull sena lill-KPS dwar il-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawn il-linji gwida, speċjalment f'pajjiżi prijoritarji, u jiffaċilita l-briefings lill-KPS mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għat-Tfal u l-Konflitti Armati.
- Il-presidenti tal-gruppi ta' ħidma tematiċi u ġeografiċi rilevanti għandhom jinkludu kif rilevanti l-kwistjoni tas-CAAC fid-deliberazzjonijiet tagħhom, inkluż billi jorganizzaw diskussjonijiet konġunti bejn il-gruppi ta' ħidma u jiffaċilitaw briefings esterni mis-sħab tan-NU u l-esperti tas-soċjetà ċivili.

Attivitajiet Addizzjonali ta' Promozzjoni u ta' Sensibilizzazzjoni

- Ir-Rappreżentant Għoli ser joħroġ dikjarazzjoni fil-Jum Internazzjonali kontra l-Użu tas-Suldati Tfal (12 ta' Frar), flimkien mar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għat-Tfal u l-Konflitti Armati darbtejn fis-sena.
- L-UE għandha tqajjem kuxjenza dwar kwistjonijiet marbuta mas-CAAC fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Edukazzjoni mill-Attakki (9 ta' Settembru) u l-Jum Dinji tat-Tfal (20 ta' Novembru), u tesplora aktar opportunitajiet biex tqajjem kuxjenza dwar kwistjonijiet marbuta mas-CAAC.
- Is-SEAE għandu jipprova pakkett ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal f'żoni ta' konflitt għall-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet, il-Kapijiet tal-Missjonijiet u l-Kmandanti Militari tal-PSDK, il-punti fokali tal-missjoni, u l-punti fokali għad-drittijiet tal-bniedem il-ġodda kollha fil-bidu tal-mandat tagħhom.
- Is-SEAE u l-Kummissjoni għandhom jorganizzaw taħriġ regolari apposta dwar il-protezzjoni tat-tfal u t-tfal u l-konflitti armati f'kollaborazzjoni mas-sħab tan-NU, is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, u l-NGOs, inkluż dwar it-tfal u d-DDR jew il-proċessi relatati mad-DDR.

6. KONKLUŻJONI

Dawn il-Linji Gwida aġġornati dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati (CAAC) jenfasizzaw id-determinazzjoni tal-UE li tagħti prijetà lid-drittijiet u l-benesseri tat-tfal matul żminijiet ta' gwerra u instabbiltà.

Biex tiżgura l-effettività ta' dawn il-linji gwida, l-UE ser twettaq monitoraġġ u tirrapporta dwar il-progress li jkun sar. Ser isir rappurtar regolari, inkluż biex jiġu identifikati oqsma għat-titjib u l-adattament, bil-ħsieb li jiġi żgurat li r-rispons tal-UE għall-isfidi li qed jevolvu li jiffaċċjaw it-tfal affettwati minn konflitti armati jibqa' komprensiv u jħalli impatt.

Permezz ta' ħidma kollaborattiva mal-aġenziji tan-NU, il-gvernijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet lokali, u s-soċjetà ċivili, l-UE tista' toħloq futur aktar sikur u promettenti għat-tfal affettwati mill-konflitti armati.

ANNESSI tal-Linji Gwida aġġornati

Anness 1: Lista mhux eżawrjenti ta' normi, standards u prinċipji internazzjonali li l-UE tista' tinvoka f'kontatti ma' Pajjiżi Terzi dwar it-tfal milquta minn konflitti armati

I. STRUMENTI TAN-NU DWAR ID-DRITTJIET TAL-BNIEDEM

Trattati u Protokolli

- Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Driftijiet tal-Bniedem (1948)
- Il-Konvenzjoni dwar id-Driftijiet tat-Tfal (1989)
- Il-Protokoll Fakultattiv II għall-Konvenzjoni dwar id-Driftijiet tat-Tfal, dwar l-involviment tat-tfal f'konflitti armati (2002)
- Il-Protokoll Fakultattiv I għall-Konvenzjoni dwar id-Driftijiet tat-Tfal, dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal (2002)
- Il-Konvenzjoni 182 tal-ILO rigward il-Projbizzjoni u l-Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni tal-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal (1999)
- Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati (1951)
- Il-Patt Internazzjonali dwar id-Driftijiet Ċivili u Politiċi (1966)
- Il-Patt Internazzjonali dwar id-Driftijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (1966)
- Il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra (1984)

Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà

- Riżoluzzjonijiet dwar it-tfal u l-konflitti armati: 1261 (1999), 1314 (2000), 1379 (2001), 1460 (2003), 1539 (2004), 1612 (2005), 1882 (2009), 1998 (2011), 2068 (2012), 2143 (2014), 2225 (2015), 2427 (2018), 2601 (2021)
- Riżoluzzjonijiet dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà: 1325 (2000), 1820 (2008), 1888 (2009), 1960 (2010), 2106 (2013), 2242 (2015), 2331 (2016), 2467 (2019)
- Riżoluzzjonijiet dwar iż-żgħażaġh, il-paċi u s-sigurtà: 2250 (2015), 2419 (2018), 2535 (2020)

Riżoluzzjonijiet mill-Assemblea Ġenerali relatati mat-Tfal u l-Konflitti Armati

Riżoluzzjonijiet dwar id-drittijiet tat-tfal introdotti mill-UE, flimkien mal-GRULAC, fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU darbtejn fis-sena.

Dawn ir-riżoluzzjonijiet fihom paragrafi dwar it-tfal u l-konflitti armati.

II. DRITT UMANITARJU INTERNAZZJONALI, REFUĠJATI U IDPS

- Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar it-Trattament tal-Priġunieri tal-Gwerra (1949)
- Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Pajżani fi Żmien ta' Gwerra (1949)
- Il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tat-12 ta' Awwissu 1949, u dwar il-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Konflitti Armati Internazzjonali (Protokoll I) (1978)
- Il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tat-12 ta' Awwissu 1949, u dwar il-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Konflitti Armati Mhux Internazzjonali (Protokoll II) (1977)
- Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati (1951)
- Il-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati (1967)
- Il-Prinċipji Gwida dwar l-Ispostament Intern (1998)
- Id-Dritt Umanitarju Internazzjonali Konswetudinarju

III. DRITT KRIMINALI INTERNAZZJONALI

- L-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (2002)

IV. IMPENJI U STRUMENTI INTERNAZZJONALI RILEVANTI OĦRA

- Il-Prinċipji u l-Linji Gwida dwar it-Tfal Assoċjati ma' Forzi Armati jew Gruppi Armati (il-Prinċipji ta' Pariġi) (2007)
- Linji Gwida għall-Ħarsien tal-Iskejjel u l-Universitajiet mill-Użu Militari waqt Konflitt Armat (2014)
- Id-Dikjarazzjoni dwar Skejjel Sikuri (2015)
- Il-Prinċipji ta' Vancouver dwar iż-Żamma tal-Paċi u l-Prevenzjoni tar-Reklutaġġ u l-Użu tas-Suldati Tfal (2017)
- Id-Dikjarazzjoni Politika dwar it-Tisħiħ tal-Protezzjoni tal-Popolazzjoni Ċivili mill-Konsegwenzi Umanitarji li jirriżultaw mill-użu ta' Armi Splussivi f'Żoni Popolati (EWIPA) (2022)

Anness 2 – Politika u strumenti tal-UE

PESK u strumenti għall-immaniġġar tal-kriżijiet

- Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2020-2024)
- Il-Boxxla Strateġika tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża (2022)
- Il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK (2023)

- Il-Politika ta' Diliġenza Dovuta tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali dwar l-Appoġġ tas-Settur tas-Sigurtà lil partijiet terzi (2023)
- Il-Komunikazzjoni Konġunta: approċċ strateġiku tal-UE b'appoġġ għad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni ta' dawk li kienu kumbattenti (2021)
- Is-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u l-ġestjoni ta' kriżijiet: Prijoritajiet (2022-2024)
- Il-Lista ta' Kontroll aġġornata għall-integrazzjoni tal-protezzjoni tat-tfal affettwati minn konflitti armati fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK (2024)
- Il-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja (2008)
- Is-Sett ta' Għodod tal-UE u l-UNICEF għad-Drittijiet tat-Tfal: L-integrazzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (2014)
- Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni Umanitarja - Titjib tal-eżiti ta' protezzjoni biex jitnaqqsu r-riskji għan-nies fi kriżi umanitarja (2016)
- Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Edukazzjoni f'Emerġenzi fl-Operazzjonijiet ta' Għajnuna Umanitarja ffinanzjati mill-UE (2019)
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Edukazzjoni f'Emerġenzi u Kriżijiet fit-Tul (2018)
- Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-Ġeneru fl-Għajnuna Umanitarja: Bżonnijiet Differenti, Assistenza Adattata (2013)
- Il-Kunċett dwar il-Medjazzjoni għall-Paċi tal-UE (2020)
- Il-Linji Gwida dwar il-Medjazzjoni għall-Paċi, SEAE (2020)
- Il-Kunċett ta' Stabbilizzazzjoni tal-UE, WK 13776/2022 INIT (2022)

Politika u strumenti Komunitarji

- L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2021)
- Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna (2022-2027)
- Il-Linji Gwida tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal (2017)
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi Integrati għall-Protezzjoni tat-Tfal (2024 għad trid tiġi kkonfermata)
- Il-Komunikazzjoni Konġunta: Approċċ strateġiku tal-UE b'appoġġ għad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni ta' dawk li kienu kumbattenti (2021)
- Il-Komunikazzjoni Konġunta: Elementi għal qafas strateġiku madwar l-UE għall-appoġġ ta' Riforma fis-Settur tas-Sigurtà (2016)

Anness 3 – Rapporti u dokumenti ta' gwida rilevanti tan-NU

Rapporti tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

Nazzjonijiet Uniti. Rapporti annwali (2000 - s'issa) u rapporti speċifiċi għall-pajjiż (2006 - s'issa) dwar it-tfal u l-konflitti armati.

Rapporti tar-Rappreżentant Speċjali

Nazzjonijiet Uniti. Rapporti tar-Rappreżentant Speċjali lill-Assemblea Ġenerali (1998 - s'issa) u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (1998 - s'issa).

Kunsill tas-Sigurtà u Grupp ta' Ħidma dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati

- Konklużjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-rapporti speċifiċi għall-pajjiż tas-Segretarju Ġenerali dwar it-tfal u l-konflitti armati:
www.un.org/securitycouncil/subsidiary/wgcaac/sgreports.

- Riżoluzzjonijiet u dikjarazzjonijiet presidenzjali dwar it-tfal u l-konflitti armati: www.un.org/securitycouncil/subsidiary/wgcaac/resolutions.
- Ittri mill-President tal-Kunsill tas-Sigurtà lis-Segretarju Ġenerali dwar it-tfal u l-konflitti armati: www.un.org/securitycouncil/subsidiary/wgcaac/letters.
- Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati u s-"sett ta' għodod": www.un.org/securitycouncil/subsidiary/wgcaac/reference.

Pubblikazzjonijiet u Noti ta' Gwida mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għas-CAAC

- The Six Grave Violations against Children During Armed Conflict: the Legal Foundation (Is-Sitt Tipi ta' Ksur Serju mwettaq kontra t-Tfal matul Konflitti Armati: il-Pedament Legali). New York, 2009 (aġġornat 2013)
- Children and Justice During and in the Aftermath of Armed Conflict (It-Tfal u l-Ġustizzja Matul u wara l-Konflitti Armati) (2011)
- Nota ta' Gwida dwar il-Kunsill tas-Sigurtà 1998 (2014)
- Guidelines and Field Manual - Monitoring and Reporting Mechanism on Grave Violations against Children in Situations of Armed Conflict (Manwal Operattiv li jakkumpanja l-Linji Gwida dwar il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ u Rappurtar dwar Ksur Serju mwettaq kontra Tfal f'Sitwazzjonijiet ta' Konflitt Armat) (2014)
- 20 Years to Better Protect Children Affected by Conflict (20 Sena għal Protezzjoni Aħjar tat-Tfal Affettwati mill-Konflitti) (2016)
- Practical Guidance for Mediators to Protect Children in Situations of Armed Conflict (Gwida Prattika għall-Medjaturi għall-Protezzjoni tat-Tfal f'Sitwazzjonijiet ta' Konflitti Armati) (2020)
- Impact of the COVID-19 Pandemic on Violations against Children in Situations of Armed Conflict (L-impatt tal-Pandemija tal-COVID-19 fuq il-Ksur imwettaq kontra t-Tfal f'Sitwazzjonijiet ta' Konflitti Armati) (2021)
- Nota ta' Gwida dwar il-Ħtif (2023)
- Gender Dimension of Grave Violations Against Children In Armed Conflict (Id-dimensjoni tal-Ġeneru tal-Ksur Serju Mwettaq Kontra t-Tfal f'Konflitti Armati) (2022)
- Towards Greater Inclusion: A Discussion Paper on the CAAC Mandate and Children with Disabilities in Armed Conflict (Lejn Aktar Inklużjoni: Dokument ta' Diskussjoni dwar il-Mandat tas-CAAC u t-Tfal b'Diżabilità f'Konflitti Armati) (2023)